Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 25 t' Ottubru 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tiżjin tal-Milied
5. Attivitajiet Kulturali
6. Ħarġa Kulturali
7. Courses tal-Computer
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq item 3.10 tal-minuti ta Settembru, s-Sindku qal li huwa se jitkellem fuqha fuq item speċifiku fl-Aġenda.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-Bandli ta' Ħal Farruġ kif se jitkompla x-xogħol peress li dan wieqaf. Is-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-Perit li kien qed jieħu ħsieb fuq ix-xogħol biex jiġi deċiż ix-xogħol li kien tkejjel u ssir hand over lill-Perit li hemm assenjat għal dan il-proġett. Minn wara din il-laqgħa imbagħad jista jitkompla x-xogħol kif kien ippjanat.

3.2 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq xi signs li kellhom jitwaħħlu fi Triq Dun Pawl bħala No Entry. Huwa semma wkoll li kellha teħel sign oħra ta dan it-tip fi Triq San Ġorġ.

3.3 Is-Sindku informa li kienet se ssir konferenza fuq it-tema Vote 16 fuq l-Ambaxxaturi tal-Kunsilli Lokali. Din kienet se ssir nhar is-Sibt il-Verdala, Buskett.

3.4 Is-Sindku semma li rċevejna stedina bl isem Creative Innovation sabiex il-Kunsill Lokali jipproponi organiżazzjoni li jħoss li hija innovattiva sabiex tingħata aktar taħriġ u tkun tista tavvanza aktar.

3.5 Is-Sindku informa li kienet waslet stedina fuq laqgħa mal-pubbliku dwar l-Unjoni Ewropea bl-isem djalogu maċ-ċittadini li kienet se ssir ġewwa l-Belt Valletta għal dawk li huma interessati li jressqu xi mistoqsijiet u jsiru jafu aktar dwar l-Unjoni Ewropea.

3.6 Is-Sindku qal li se ssir laqgħa plenarja fejn hemm mistednin il-Kunsilliera kollha sabiex jattendu. Din se ssir ġol-lukanda Dolmen fis-7 ta' Diċembru. Huwa appella lill-kunsilliera kollha sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

3.7 Is-Sindku qara email li waslet mill-iskola sekondarja tal-bniet ta Santa Luċija peress li se ssir attivita is-sena d-dieħla u ġejna mitluba sabiex intellgħu preżentazzjoni fuq Ħal Luqa. Is-Sindku appella lill-Kunsilliera Sammut sabiex tikkordina laqgħa mal-iskola.

3.8 Il-Kunsillier Caruana saqsa biex jitnaddaf iċ-ċimiterju ta Ħal Luqa peress li kien ġej ix-xahar tal-mejtin. Il-Viċi Sindku semma li dan diġa ġie mnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill.

3.9 Il-kunsilliera Sammut semmiet li hija attendiet flimkien mal-Kunsilliera Massa fuq konferenza li saret fuq proġett See More li se jkun qed jirrigwarda fuq il-promozzjoni tar-

rota bħala mezz ta trasport. Hija għaddiet xi materjal promozzjonali lis-Segretarju relatatt ma din il-konferenza.

3.10 Il-Kunsillier Caruana qal li fi Triq id-9 t' April hemm garaxx li dan qed jipparkjawlu quddiemu. Huwa semma li quddiem il-garaxx hemm parking bay abjad. Is-Sindku irrisponda li fuq din it-talba huwa irċieva struzzjonijiet minn naħa ta TM li hemhekk ma jistax issir parking bay isfar. Is-Sindku ippropona sabiex sid il-garaxx twaħħal tabella garage in use ħalli ma jipparkjawlix.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li sid il-garaxx għandha permess tal-MEPA biex din il-parti tinfetaħ garaxx. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Caruana biex iġib kopja tal-permess u jkun jista jħassar il-kaxxa bajda.

3.12 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hija kellmet lis-Segretarju peress li kien hemm bżonn li jsir tindif ta Sqaq Ħal Farruġ. Is-Segretarju semma li dan l-isqaq kien imnaddaf minn naħa tal- Cleansing Directorate u issa meta dawn intalbu biex jagħmlu tindif qed jitfgħu ir-responsabilta fuq il-Kunsill Lokali.

3.13 Il-Kunsillier Caruana appella biex inkellmu lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart sabiex wara li huwa jkun ġabar l-iskart minn xi post iħalli warajh nadif.

## 4.0 TIŻJIN TAL-MILIED

4.1 Is-Sindku semma li diġa saru laqgħat mal-Każini fuq il-proġett tat-tiżjin tal-Milied fejn dawn qed jintalbu biex jibdew ilesti xi armar għall Pjazez u kull sena jiżdied l-apparat tal-armar. Is-Sindku semma li saret laqgħa pożittiva ħafna.

4.2 Il-Viċi Sindku semma li huma waqt il-laqgħa intalbu biex jippreżentaw irċevuti fuq ix-xogħol li jkunu għamlu sabiex dawn jitħallsu. Is-Sindku semma li rigward is-supply tad-dawl din se jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill Lokali.

4.3 Is-Sindku qal li l-Każini se jżommu l-Kunsill infurmat meta jitlestew id-disinji sabiex il-Kunsill japprova dawn id-disinji Is-Sindku qal li l-quddiem għandu jsir agreement mal-Każini fejn huma jistgħu jintlabu jirtiraw l-armar.

## 5.0 ATTIVITAJIET KULTURALI

5.1 Is-Sindku qal li l-attivita kulturali għas sena d-dieħla se tkun qed issir fuq skala ikbar. Huwa qal li l-Għaqdiet kollha qed jintalbu biex jaħdmu flimkien għax b' hekk li jista jsir programm tajjeb meta kulħadd jieħu ħsieb parti hu. Din l-attivita se tkun iffinanzjata minn fondi tal-GAL Xlokk. Din se ssir f' Mejju meta ikun jum il-lokalita. Huwa qal li diġa qed issir komunikazzjoni mal-British High Commission.

5.2 Il-Viċi Sindku semma li għall din l-attivita diġa saret riċerka mal-Arkivju Nazzjonali fejn huwa mar flimkien mas-Segretarju u sabu xi pjanti tas-servizzi Ingliżi relatatti ma Ħal Luqa. Il-ħsieb huwa biex dawn jintwerew waqt l-attivita fuq slide, permezz ta slide show.

5.3 Is-Sindku semma li hemm skema għall inizjattiva tal-attivitajiet kulturali li se jsiru s-sena d-dieħla. Għal din l-iskema huwa ssuġġerrixxa biex issir attivita differenti minn dik li ssemmiet hawn fuq. Huwa ssuġġerrixxa li tista issir attivita oħra f' Marzu u li għandna niltaqgħu u nitkellmu aktar.

5.4 Il-Kunsillier Caruana semma li għal Jum Ħal Luqa kulħadd għandu jieħu responsabilta ta xi ħaġa u kulħadd għandu jagħti feedback fuq ix-xogħol li jkun għamel. Huwa appella wkoll biex issir aktar promozzjoni. Is-Sindku qal li l-problema hija għax ikun hemm nuqqas ta budget u għalhekk ma stajnix nagħmlu promozzjoni kif suppost.

5.5 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll biex meta jibda l-kordinament fuq l-attivitajiet nistiednu lill-Każini mill-ewwel sabiex jinbeda x-xogħol kmieni u jkun hemm attivita tajba.

## 6.0 ĦARĠA KULTURALI

6.1 Fuq il-ħarġa kulturali l-Kunsilliera Massa qalet li hija qed tikkordina mas-Segretarju sabiex ikun hemm ħarġa għar-Rabat fejn se jkunu qed iżiru il-Mużew tal-istorja Naturali, r-Roman Domus u l-katakombi ta San Pawl. Għal din il-ħarġa se jinġiebu block tickets bi prezz speċjali fejn il-Kunsill Lokali se jkun qed jissussidja parti mill-prezz.

## 7.0 COURSES TAL-COMPUTER

7.1 Is-Sindku qal li se ssir laqgħa il-gimgħa d-dieħla fuq il-courses tal-computer tat-TCTC, fejn huwa stieden lill-Kunsilliera li huma interessati sabiex jattendu għal laqgħa. Huwa qal li din l-inizjattiva kienet milqugħa tajjeb ħafna fejn bħalissa hemm gruppi għal dawn il-courses imqassmin mal-ġimgħa kollha.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Il-ħlasijiet ġew approvati b' vot unanimu.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar Il-Ġimgħa 25 t' Ottubru 2013, fis-7.00 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss

Konfermati llum ________________________ 2013.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |